**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**-vs-**

**Hirotaka Miyamoto, detentur tal-karta tal-permess ta' residenza ta' Malta bin-numru MT9654509**

*Kumpilazzjoni Nru. 644/2023*

Illum: 21 ta' Novembru, 2023

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat **Hirotaka Miyamoto** u ċioè talli:

Fit-tmintax (18) ta' Awissu tas-sena elfejn u għoxrin(2023) ġewwa flat 2, 70, Triq ix-Xatt, Tas-Sliema, u/jew f'xi bnadi oħra ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Mingħajr kunsens ikkommetta konġunġiment karnali, jiġifieri penetrazzjoni vaġinali, anali jew orali b' organu sesswali, ta' ġisem ta' persuna oħra u cioe Ebie Miraj, liema persuna qiegħda jew kienet f'relazzjoni mal-ħati kemm bil-ħsieb li tiżżewweġ u kemm jekk le;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, u ċirkostanzi, ikkommetta att ta' natura sesswali mingħajr kunsens li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wieħed mid-delitti ikkonsmat jew attentat, imsemmija fl-artikoli ta' qabel l-artikolu 207 fis-Sub-Titolu II tat-Titolu VII tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u cioe fuq Ebie Miraj, liema persuna qiegħda jew kienet f'relazzjoni mal-ħati kemm bil-ħsieb li tiżżewweġ u kemm jekk le;

3. U aktar fl-istess data, lok u ċirkostanzi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' persuna oħra f'periklu ċar, ikkaġuna offiża ħafifa fuq il-persuna ta' Ebie Miraj liema sar fuq persuna li qiegħda jew kienet f'relazzjoni mal-ħati kemm bil- ħsieb li tiżżewweġ u kemm jekk le.

Il Qorti ġiet mitluba toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal- Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta waqt li-mori tal-kawża u f'każ ta' ħtija ai termini tal- Artikoli 383, 384 u 385 tal-kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta favur Ebie Miraj.

Il Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija barra milli tapplika skond il-Liġi tordna lill-ħati iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-30 t'Ottubru, 2023, permezz ta' liema bagħtet lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli:[1]

1. Fl-artikoli 214, 215, 221(1)(4), 222(1)(a), 202(h)(vi) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 383, 384, 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 17, 31, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oġġezzjoni biex il-każ jiġi hekk trattat.[2]

Rat l-atti w id-dokumenti kollha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Illi matul is-seduta tat-28 t'Awissu 2023 xehdet l-allegata vittma Ebie Miraj li għal diversi drabi saħqet li ma ridietx li dawn il-proċeduri istitwiti fil-konfront tal-imputat jissoktaw. Saħansitra, tul ix-xiehda tagħha, anke wara li ġiet mwissija mill-Qorti f'numru t'okkażjonijiet dwar il-konsegwenzi kemm il-darba tirtira l-kwerela tagħha, bil-ġurament tagħha ikkonfermat li trid tirtira l-kwerela fil-konfront tal-imputat. L-istess Miraj insistiet li ma kien sar l-ebda stupru fil-konfront tagħha.

[1] Fol.101
[2] Fol.102

Illi r-reat kontemplat bl-artikoli 214, 215 u 221(1) tal-Kodiċi Kriminali huma prosegwibbli bil-kwerela tal-allegata vittma. Fil-fatt fis-subartikolu (4) tal-artikolu 221 hemm provdut:

> (4) Fil-każijiet imsemmijin fis-subartikoli (1) u (3), ma jittieħed ebda proċediment ħlief bil-kwerela tal-parti offiża, minn barra minn meta l-offiża ssir fuq waħda mill-persuni msemmijin fl-artikolu 222(1)(*a*) u (*b*).[3]

Mir-riżultanzi proċesswali rriżulta li *"before they were boyfriend and girlfriend"*[4] deskrizzjoni li hi għal kollox nieqsa minn dettalji ulterjuri li jippermettu lill-Qorti ssib li tassew kien hemm "relazzjoni" kif jikkontempla l-artikolu 202(h) tal-Kodiċi Kriminali

Ġaladarba il-kwerela tal-allegata vittma ġiet irtirata minnha, l-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat ma baqgħetx aktar prosegwibbli. L-artikolu 545 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi:

> **545.** (1) Meta l-azzjoni ma tistax titmexxa ħlief b'talba tal-parti privata, il-kwerelant jista', f'kull żmien sa ma tingħata s-sentenza finali, jirrinunzja għall-kwerela li huwa jkun ġa għamel.

**Decide**

Għal dawn il-motivi il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn kull ħtija w piena.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**

---

[3] L-artikolu 221(1)(b) jagħmel riferenza għall-artikolu 202(h) li jipprovdi:
(h) meta d-delitt isir fuq il-persuna ta':.....
(vi) persuna oħra li tkun jew kienet f'relazzjoni mal-ħati kemm bil-ħsieb li tiżżewweġ u kemm jekk le;

[4] Fol.35